MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 2219/2000/1

**Avukat Tony De GAETANO u Josette De Gaetano**

**vs**

**AWTORITA' TAL-IPPJANAR u b'Degriet tal-20 ta' Marzu, 2002, ġew kjamati in kawża l-konjuġi Raymond u Patricia Farruġia**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Settembru, 2000, li bih l-atturi ippremettew:-

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond "Il-Ġnejna", Triq F. Castagna, Gudja;

Illi ċerti Raymond u Patricia konjuġi Farruġia għamlu żvilupp illegali fil-proprjeta tagħhom adjaċenti ma' dik ta' l-atturi u ċjoe' "Qalb ta' Ġesu'", Triq F. Castagna, Gudja;

Illi in segwitu ta' dan l-iżvilupp, l-istess Avukat DeGaetano għamel riċerki u rriżulta li l-istess żvilupp sar taħt pjanti foloz, kif ukoll mhux koperti b'permess u wara l-ilmenti tiegħu fil-fatt inħareġ avviz biex tieqaf u ta' twettieq numru 889/00;

Illi bl-istess bini illegali u partikolarment bit-twaqqigħ ta' żewġt ikmamar mal-ħajt ta' l-appoġġ ta' l-atturi, huma ġew soġġetti għal bitħa li kienet qed iġġibhom kontra r-regolamenti u liġijiet sanitarji stante li l-bini tagħhom tħalla b'ħajt espost in arja fejn saret il-bitħa;

Illi l-istess atturi stennew li wara li l-istess konjuġi Farruġia inqabdu b'tali illegalitajiet li skond l-avviż kellhom sittax-il ġurnata (16) biex ireġġgħu lura dak kollu li għamlu illegalment, dawn kienu ser jobdu jew japplikaw biex jittantaw jissanaw skond l-Att I ta' l-1992;

Illi l-atturi kienu jistgħu skond l-Att I ta' l-1992, jagħmlu oġġezzjonijiet jekk issir tali applikazzjoni u partikolarment li jekk tingħata dritt li ssir bitħa kif saret din trid tkun skond ir-regolamenti tas-sanita' u ssir b'ħajt dobblu fejn hemm l-appoġġi ta' l-atturi;

Illi rriżulta li minflok saret applikazzjoni kif titlob il-liġi, saret sempliċi ittra mingħajr ebda pubbliċita' u b'mod li ħadd ma' jista' jsir jaf biha;

Illi tali ittra kienet qed issir kontra l-Att I ta' l-1992 u r-regolamenti interni ta' l-Awtorita', kif ukoll kontra d-drittijiet ta' l-atturi li ma kinux qed jingħataw l-opportunitajiet li għandhom skond l-Att I ta' l-1992 li jagħmlu oġġezzjonijiet, kif ukoll kontra d-dritt ta' l-atturi li jistgħu eventwalment bħala *third parties* jappellaw minn permess li jista' jaffettwa d-drittijiet tagħhom;

Illi l-istess attur Avukat DeGaetano induna li kien ser jinħareġ permess irregolari fi żmien ta' tlett ijiem meta għamel xi riċerki;

Illi l-istess Avukat DeGaetano induna hekk kif kien ser jinhareg il-permess irregolari fuq tali proceduri illegali, u għamel l-oġġezzjonijiet tiegħu li dan kien kollu illegali u irregolari;

Illi nonostante dan, ġew infurmati mill-istess Awtorita' konvenuta li kienu ser ikomplu għaddejin b'tali proċeduri bil-ksur tad-drittijiet tagħhom u tal-liġi u t-timbri kollha li kien hemm fosthom tas-sanita' nonostante li saru jafu li l-bini ma kienx skond is-sanita' u ma kinux ser ibiddluhom jew għall-inqas jagħmlu kundizzjonijiet biex il-bini jiġi regolariżżat biss jekk isiru bidliet mill-liġijiet u regolamenti sanitarji;

Illi l-istess atturi kienu għalhekk kostretti li jitolbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 3365/00) fl-ismijiet "*l-Avukat Tony DeGaetano et vs l-Awtorita ta' l- Ippjanar*", biex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom, liema mandat ġie milqugħ b'mod definittiv permezz ta' digriet datat 26 ta' Settembru 2000;

Illi wara li l-istess mandat ta' inibizzjoni ġie milqugħ, l-istess Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp talbet għall-parir tad-direttur ta' l-Ippjanar u l-istess Direttur qabel li l-ilment ta' l-atturi kienu ġustifikati u kellu jekk jinħareġ permess jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet ta' l-atturi partikolarment li l-bitħa ta' l-applikanti ma setgħetx tiġi ssanata jekk ma ssirx bil-ħajt dobblu skond il-liġi u ssir il-multa rikjesta bil-liġi stante li qabel l-istess multa ma kinitx ser tiġi imposta, kontra l-obbligi ta' l-Awtorita' konvenuta skond l-Att I ta' l-1992;

Illi wkoll intlaħaq ftehim mad-direttur ta' l-Ippjanar, għan-nom ta' l-istess Awtorita' konvenuta li l-istess attur kien ser jirtira l-mandat hekk kif jinħareġ permess biss bis-salvagwardji imsemmijin iktar 'l fuq, pero meta l-proċess 1112/98 reġa' mar lura bil-parir tad-direttrur ta' l-Ippjanar kif ġie mitlub mill-Kummissjoni, l-istess proċess ġie illegalment meħud mis-Segretarju tal-Bord ta' l-Awtorita' konvenuta biex ma jsirux ir-rimedji ġusti u legali skond il-liġi;

Illi wara li l-atturi ġew infurmati li ma kienx hemm lok għal aktar diskussjonijiet kellha ssir din il-kawża biex jippruvaw il-jedd tagħhom skond il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-proċedura adottata mill-Awtorita' ta' l- Ippjanar kienet irrita u nulla skond l-Att I ta' l-1992;

2. Tiddikjara li l-aġir ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kien abbużiv skond l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara li jekk issir applikazzjoni skond il-liġi biex jiġi issanat l-iżvilupp illegali fuq imsemmi, kull permess li jista' jinħareġ irid isir b'riżerva li l-bitħa in kwistjoni tinbena skond il-liġijiet u regolamenti sanitarji u partikolarment li fejn l-attur tħalla b'bini b'ħajt singlu għall-apert minħabba l-iżvilupp illegali, dan għandu jsir dobblu mill-applikant;

4. Illi l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, taqdi l-funzjoni tagħha li tesegwixxi l-avviż biex tieqaf u ta' twettiq 889/00 stante li ma sar ebda appell minn tali avviż u lanqas applikazzjoni kif jitlob l-Att I ta' l-1992 biex tittena tissana l-istess żvilupp illegali;

B'riserva għal kull azzjoni għal danni kontra l-istess Awtorita' konvenuta minħabba l-aġir illegali tagħha fil-konfront ta' l-atturi u b'riserva għal kull azzjoni kontra dawk l-uffiċjali li permezz tagħhom jirriżulta li sar l-abbuż imsemmi mill-istess Awtorita' konvenuta;

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3365/00 fl-ismijiet "*Avv Tony DeGaetano et vs Awtorita ta' l-Ippjanar*", u l-imgħax relattivi kontra l-istess konvenuti;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mal-erba' (4) dokumenti mehmuża magħha[1];

---

[1]. Paġġ. 10-13 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa mill-Awtorita' mħarrka fit-13 ta' Novembru, 2000, li biha hija eċċepiet:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-aġir ta' l-Awtorita' fl-ipproċessar ta' l-applikazzjoni tal-konjuġi Farruġia kien wieħed korrett u skond il-liġi; għalhekk għal dan jeħtieġ li jiġu kjamati in kawza l-konjuġi Farruġia bħala partijiet interessati;

2. Illi fit-tieni lok u wkoll subordinatament u mingħajr preġudizzju għal fuq eċċepit l-azzjoni attriċi hi nsostenibbli fil-liġi għaliex l-atturi għażlu li ma jfittxux il-ksib ta' rimedju kif provdut skond l-Att Nru I tal-1992, u dan skond l-Artikolu 469(A)(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi fit-tielet lok u wkoll subordinatament u mingħajr preġudizzju għal fuq eċċepit it-tielet u r-raba' talbiet tal-atturi huma wkoll insostenibbli fil-liġi stante li l-Awtorita' hi esklussivament vestita sabiex tipproċessa u tiddeċiedi applikazzjonijiet ta' żvilupp;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Awtorita' mħarrka;

Rat is-sentenza tagħha tal-24 ta' Settembru, 2001[2], li biha ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita' mħarrka;

Rat id-Degriet tal-20 ta' Marzu, 2002[3], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ġiet ordnata s-sejħa fil-kawża ta' Raymond u Patricia miżżewġin Farruġia;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-25 ta' Frar, 2003, li fih saret dikjarazzjoni mill-imsejħin fil-kawża li huma kienu qegħdin jilqgħu n-notifika tal-atti tal-kawża;

---

[2] Paġġ. 74 sa 84 tal-proċess
[3] Paġġ. 95-7 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa fis-7 ta' Marzu, 2003[4], li biha l-imsejħin fil-kawża eċċepew:

1. Illi dawn il-proċeduri huma intempestivi stante li stharriġ ta' att amministrattiv jista' jsir biss wara li dak l-att huwa komplut;

2. Illi l-atturi ma għandhom l-ebda locus standi sabiex jistitwixxu dawn il-proċeduri u dan għaliex l-atturi huma estranei għar-relazzjoni legali bjen l-applikanti esponenti u l-Awtorita' konvenuta;

3. Illi dawn il-proċeduri huma vessatorji billi kwalunkwe permess u sanzjoni li toħrog l-Awtorita' toħrog mingħajr preġudizzju għad-drittjiet ta' terzi u l-ħrug ta' sanzjoni mill-Awtorita' ma tippreġudikax d-drittijiet ċivili ta' l- atturi. B'hekk b'mod partikolari t-tielet talba hija infondata;

4. Illi l-proċedura addottata mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fir-rigward tal-esponenti hija waħda valida u fit-termini tal- liġi;

5. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikkarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsejħin fil-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2003, li bih ħatret bħala Perit Tekniku lill-Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Ellul Vincenti, biex jagħmel kostatazzjonijiet tekniċi, magħduda magħhom deskrizzjoni tal-fond abitat mill-miżżewġin Farruġia u tal-ambjenti adjaċenti fil-proprjeta' tal-atturi;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fit-2 ta' Settembru, 2003[5], flimkien mat-tlettax-il (13) dokument mehmużin magħha,

---

[4] Paġġ. 107 sa 110 tal-proċess
[5] Paġġ. 124 sa 241 tal-proċess

għall-finijiet tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-imsejħin fil-kawża;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti fit-12 ta' Settembru, 2003[6], flimkien ma' għadd ta' dokumenti mehmużin magħha, u minnu maħlufa waqt is-smigħ tad-19 ta' Novembru, 2003;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet dwar l-l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-imsejħin fil-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tad-19 ta' Novembru, 2003, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. L-atturi jridu li l-Qorti tiddikjara ma tiswiex il-proċedura meħuda mill-Awtorita' mħarrka dwar applikazzjoni għal permess dwar xogħol strutturali fid-dar ta' biswit dik tal-atturi (jiġifieri d-dar tal-imsejħin fil-kawża). Huma jitlobu wkoll li l-Awtorita' ma tagħti l-ebda permess għal żvilupp li ma jkunx iħares il-jeddijiet tagħhom fuq il-ġid tagħhom u li l-istess Awtorita' twettaq il-funzjonijiet tagħha biex teżegwixxi l-avviż biex tieqaf u ta' twettiq (*enforcement notice*) maħruġ fil-konfront tal-imsejħin fil-kawża;
Illi għal din l-azzjoni, l-Awtorita' mħarrka laqgħet billi qalet li mxiet sewwa fl-ipproċessar tal-applikazzjoni tal-imsejħin fil-kawża; li l-azzjoni attriċi ma tistax titmexxa 'l quddiem għaliex ma ttiħdux ir-rimedji l-oħrajn li l-atturi kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom; li t-tielet u r-raba' talbiet ma jistgħux jintlaqgħu, billi l-Awtorita' tista' biss tipproċessa u tiddelibera dwar applikazzjonijiet ta' żvilupp; u talbet ukoll is-sejħa fil-kawża tal-persuni li ressqu l-applikazzjoni għall-iżvilupp;

---

[6] Paġġ. 242-8 tal-proċess

Illi t-tieni eċċezzjoni ġiet miċħuda fis-sentenza *in parte* mogħtija fl-24 ta' Settembru, 2001, fuq imsemmija; filwaqt li t-talba għas-sejħa fil-kawża ntlaqgħet bid-degriet tal-20 ta' Marzu, 2002;

Illi l-imsejħin fil-kawża laqgħu billi qalu li l-kawża saret qabel il-waqt billi azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju tista' titressaq biss wara li l-att amministrattiv ikun twettaq u mhux qabel; jgħidu li l-atturi m'għandhomx jedd iressqu l-kawża billi m'għandhox x'jaqsmu fir-relazzjonijiet bejn l-Awtorita' u l-applikanti (l-istess imsejħin fil-kawża); u, fil-mertu, li l-azzjoni saret biex iddejjaq u li l-Awtorita' mxiet kif kellha timxi fl-eżami tal-applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-imsejħin fil-kawża;

Illi <u>dwar l-eċċezzjoni li l-kawża tressqet qabel waqtha</u>, l-imsejħin fil-kawża jressqu l-argument li azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ma tistax titressaq jekk kemm-il darba l-għamil amministrativ ma jkunx għadu sar. Jisħqu li l-azzjoni attriċi nnifisha qegħda żżomm lill-Awtorita' mħarrka milli tibqa' miexja bl-ipproċessar tat-talba tagħhom għall-ħruġ tal-permess, u għalhekk l-azzjoni attriċi hija stqarrija li l-għamil amministrativ ma sarx. L-atturi jwarrbu dan l-argument mhux biss fuq bażi ta' dritt imma wkoll fuq bażi ta' provi li joħorġu mill-atti tal-kawża. Dwar tal-ewwel, huma jgħidu li l-kawża kellha tabilfors titressaq ladarba kienet intlaqgħet it-talba tagħhom għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Awtorita' mħarrka: dan il-fatt kien jimponi fuqhom obbligu li jew iressqu l-kawża fi żmien preċiż preskritt mil-liġi[7], jew jitilfu saħansitra l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dwar tat-tieni, juru li mhux talli kien twettaq għamil amministrattiv, iżda kienu ttieħdu żewġ deċiżjonijiet, jiġifieri l-ħruġ tal-permess u d-deċiżjoni li kull deċiżjoni meħuda mill-Bord tiġi sospiża[8];

[7] L-art. 843 tal-Kap 12, kif applikabbli bl-artikolu 875
[8] Dok "TDG11", f'paġ. 218 tal-proċess

Illi l-Qorti, wara li fliet sewwa l-argumenti mressqa u rat l-atti rilevanti tal-kawża, ssib li l-eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa. Minbarra li l-fatti msemmija mill-atturi jxejnu l-argument tal-imsejħin fil-kawża, irid jingħad ukoll li l-liġi tikkontempla l-każ fejn l-"għamil amministrattiv" ikun jikkonsisti f'nuqqas ta' deċiżjoni li tkun intalbet li tittieħed[9]. Dan ifisser li l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju tingħata wkoll fejn l-għamil ikun fil-fatt nuqqas ta' għamil. Minbarra dan, jekk kemm-il darba persuna tkun ingħatat indikazzjonijiet biżżejjed dwar x'sejra tkun il-pożizzjoni ta' awtorita' pubblika dwar xi għamil amministrativ, mhux meħtieġ li tali pożizzjoni tkun komunikata formalment lill-parti konċernata qabel ma din tista' tressaq l-azzjoni speċjali għal stħarriġ ġudizzjarju fuq is-saħħa ta' dawk l-indikazzjonijiet[10];

Illi, mbagħad, huwa magħruf li tali eċċezzjoni hija waħda ta' natura dilatorja u għalhekk għandha titqajjem u tiġi mistħarrġa fil-bidu tal-kawża[11]. M'hemmx għalfejn jingħad li f'dan il-każ il-piż tal-prova jaqa' fuq l-imħarrkin fuq il-massima li *reus in excipiendo fit actor*, u huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li ssoltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu[12]. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għal eċċezzjoni ta' intempestivita' huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli. B'żieda ma' dan, huwa wisq possibbli li, f'kawża bħal din li għandha quddiemha l-Qorti llum, jidħlu fis-seħħ ir-regoli tal-*Jus Superveniens*[13];

Illi l-eċċezzjoni taħt eżami tressqet fi stadju inoltrat tal-kawża meta l-Qorti diġa' iddeċidiet li għandha s-setgħa li tisma' l-kawża u ċertament mhux fil-bidu tal-kawża u għalhekk, impliċitament, meta kien diġa' tqies li l-azzjoni saret f'waqtha;

---

[9] Art. 469A(2) tal-Kap 12
[10] App. Ċiv. **19.7.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Soċjeta' Filarmonika "La Stella" vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.625**)
[11] Ara Kumm. **28.5.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Ellul*** (Kollez. Vol: **XLIX.iii.1161**)
[12] Ara P.A. **18.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Ricci vs Latzen*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.745**)
[13] Ara P.A. **7.10.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat vs Valenzia noe*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1177**)

Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-imsejħin fil-kawża ma tistax tintlaqa';

Illi dwar jekk l-atturi għandhomx jedd joqogħdu fil-kawża s-soluzzjoni ta' din l-eċċezzjoni tiddependi mill-interess ġuridiku li jintwera li huma jista' jkollhom b'riferenza għall-azzjoni mressqa minnhom. L-imsejħin fil-kawża jgħidu li l-atturi ma jidħlu xejn fir-relazzjonijiet bejn l-Awtorita' u l-applikanti għall-ħruġ tal-permess u għalhekk ma għandhomx l-interess meħtieġ biex iressqu l-azzjoni dwar l-istess permess. L-atturi, min-naħa tagħhom, jargumentaw li għalkemm jista' jagħti l-każ li m'għandhom l-ebda rabta mal-imsejħin fil-kawża, ma jistax jiġi dubitat li huma għandhom rabta u interess f'dak li għamlet u għad trid tagħmel l-Awtorita' mħarrka dwar l-applikazzjoni għall-iżvilupp dwar il-post tal-imsejħin fil-kawża;

Illi, hawn ukoll, il-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa. Dan jingħad għaliex malli wieħed jara kif inhuma impostati t-talbiet attriċi, ma jistax ma jarax l-interess dirett u attwali li l-atturi għandhom fil-konfront tal-leġittima kontradittriċi tal-istess talbiet jew uħud minnhom. Ta' min iżomm quddiem għajnejh li l-atturi ressqu l-azzjoni tagħhom kontra l-Awtorita' u kienet din li talbet is-sejħa fil-kawża tal-miżżewġin Farruġia. Dan ifisser li l-parametri tal-azzjoni attriċi kienu determinati mit-tfassila tal-att ġudizzjarju kif imressaq u fil-konfront tal-partijiet oriġinali li kienu s-suġġett tal-vertenza. Fl-ebda waqt l-istess Awtorita' mħarrka ma ressqet xi eċċezzjoni fis-sens li l-atturi ma kellhomx l-interess li jressqu l-azzjoni attriċi jew li ma kellhomx il-*locus standi judicio* biex jagħmlu dan;

Illi b'żieda ma' dan, l-atturi wrew li l-interess tagħhom dwar l-eżitu tal-applikazzjoni għal żvilupp imressqa mill-imsejħin fil-kawża huwa wieħed li l-liġi nnifisha tikkontempla f'diversi dispożizzjonijiet[14] u dan billi tagħti sehem attiv lil terzi interessati fil-proċessi deliberativi marbutin ma' applikazzjonijiet għal żvilupp. Fil-fehma tal-Qorti, dawn id-dispożizzjonijiet huma indikativi tal-interess

[14] Ara, per eżempju, artt. 32(5), 33(1)(b)(ii) u 37(3) tal-Kap 356

dirett u ġuridiku li l-atturi għandhom fl-applikazzjoni mertu tal-kawża;

Għalhekk, din l-eċċezzjoni tal-imsejħin fil-kawża wkoll ma ssibx l-appoġġ tal-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet** tal-imsejħin fil-kawża miżżewġin Farruġia billi ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra tagħhom; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta bit-trattazzjoni fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------